**Kisba 3: Nisma' test/i għall-fehim fuq suġġetti, f'kuntesti jew sitwazzjonijiet differenti.**

# L-Eċċezzjoni



## Is-Smigħ (Total: ☐ | 20 marka)

**Wieġeb kif mitlub.**

1. Agħti t-tifsira ta' dawn l-idjomi kif użati fit-test: (3)

a. jaqilgħuha u jikluha: ______

b. iqanċu u jġebbdu: ______

ċ. isibu l-bibien magħluqin: ______

*2. Kien ixaħħam lil kemm irjus kbar kien jaf.* (2)

a. Xi jrid ifisser bil-verb **ixaħħam** fis-sentenza.

______

b. Għal min qed jirreferi meta jgħid **irjus kbar**?

______

3. Il-plebej kienu n-nies komuni ta' Ruma fi żmien l-Imperu Ruman. (2)

Xi jrid ifisser l-awtur meta jgħid li l-protagonist ma kienx jimxi mar-regoli tal-Plebej?

______

______

4. F'min kien iwaħħal il-protagonist meta ma kienx jobdi l-liġijiet u r-regoli? (2)

______

______

5. Semmi **tliet** eċċezzjonijiet li kienu jirrendu lill-protagonist differenti minn dawk ta' madwaru skont il-fażi ta' ħajtu indikata. (3)

| | |
|---|---|
| Fit-tfulija: | |
| Meta sar adult: | |
| Meta xjaħ: | |

6. Xi jrid ifisser l-awtur meta jgħid li l-protagonist "**libes il-libsa l-pulita u mar iħabbat wara l-bieb tal-Ġenna**"? (2)

7. Immarka jekk taħsibx li l-awtur ried jagħmel ġustizzja mal-protagonist bit-tmiem tal-ġrajja li jippreżentalna u agħti raġuni għar-risposta tiegħek. (2)

Iva / Le għax ____________________

8. L-awtur jidher li kellu żewġ għanijiet meta kiteb din is-silta. Spjega kif jilħaq dawn l-għanijiet. (2)

| | |
|---|---|
| Jiddeverti lill-qarrej. | |
| Iqajjem sens ta' ġustizzja. | |

9. X'messaġġ taħseb li jrid iwassal l-awtur permezz ta' din l-istorja umoristika? (2)